MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 921/1997/1

**Mary Caruana, Doris Farrugia, Carmen Vella, Sylvia Cassar u Frank ahwa Tartaglia u ommhom Emilia Tartaglia sive Intartaglia u b'digriet tal-25 ta' Gunju 2007, stante l-mewt ta' Emilia Tartaglia sive Intartaglia l-atti gew trasfuzi f'isem l-appellanti l-ohra Mary Caruana, Doris Farrugia, Carmen Vella, Sylvia Cassar u Frank Tartaglia**

**v.**

**Giuseppina Ainsworth u Joseph D'Ugo bhala mandatarju u ghan-nom ta' l-assenti Stella Attard, Rose Miller, Clement, Emanuel, ahwa Briffa; u b'digriet tal-25 ta' Novembru 1999, Joseph D'Ugo gie**

**nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-mejta Stella Attard; u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2001, gew nominati l-kuraturi deputati Dr. Mark M. Busuttil u l-P.L. Victor Bugeja biex jidhru ghall-eredi tal-mejta Giuseppina Ainsworth; u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2001, giet irrevokata *contrario imperio* n-nomina tal-kuraturi deputati Dr. Mark M. Busuttil u l-P.L. Victor Bugeja; u b'nota ta' Eleonora sive Nelli D'Ugo tal-10 ta' Lulju 2001, hija accettat il-bandu biex tidher bhala eredi tal-mejta Giuseppina Ainsworth; u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2002, gew nominati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Louisa Tufigno bhala kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Rose Miller**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-atturi minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, fit-18 ta' Frar 2005, u li fiha gew respinti t-talbiet attrici bl-ispejjez kontrihom. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell qeghda tigi hawn taht riprodotta in toto is-sentenza appellata li fiha gie ritenut u deciz hekk,
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' April 1997, li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

"Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Lulju 1972, Valentina u Paul konjugi Briffa ghamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut fejn *inter alia* istitwew lil xulxin eredi universali u propjetarji assoluti ta’ l-assi ereditarji taghhom, **minghajr il-fakulta` di variare**;

"Illi l-istess Paul Briffa, matul il-hajja ta’ martu Valentina Briffa, b’testment fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion datat s-seba (7) ta’ Ottubru 1987, irrevoka l-imsemmi testment *unica charta* u, *inter alia,* innomina u istitwixxa bhala eredi universali lil hutu konvenuti f’dawn il-proceduri u b’hekk tilef kull jedd li kellu bis-sahha ta’ l-imsemmi testment *unica charta* fuq l-assi tal-mejta martu Valentina Briffa;

"Illi skond l-Artikolu 594 tal-Kapitolu 16, l-assi tal-mejta Valentina Briffa, bil-frottijiet kollha minn dakinhar tal-mewt taghha, ghaddew kollha lill-werrita taghha legittimi;

"Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti illi l-istess Valentina Briffa kellha ma' zewgha qatt ma giet likwidata;

"Illi l-werrieta legittimi ta' Valentina Briffa huma skond l-Artikolu 814 ta' Kap. 16 l-atturi cioe` t-tfal ta' l-mejjet Joseph Tartaglia ħu l-mejta Valentina Briffa billi (i) l-esponenti jirrapprezentaw skond l-Artikolu 804 ta' Kap. 16 lil missierhom Joseph Tartaglia illi miet fil-Hamsa (5) ta' Novembru, 1987 *ab intestato* u billi (ii) Swor Teresa Tartaglia, oht l-istess Valentina Briffa u Joseph Tartaglia, rrinuncjat il-wirt ta' din ta' l-ahhar;

"Illi l-konvenuti jidhrilhom illi ghandhom jedd fuq il-hwejjeg tal-wirt tal-mejta Valentina Briffa u infatti dan l-ahhar, il-konvenuti jew minn minnhom hadu pussess tas-sehem indiviz tad-dar numru ghaxra (10), Triq il-Fatati, l-Hamrun u xi mobbli go l-istess fond illi jifformaw parti mill-wirt ta l-istess Valentina Briffa, u ghaldaqshekk, skond l-Artikolu 838 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atturi huma, fil-fatt, imnehhija mill-pussess, ossija molestati, u ghalhekk, jistghu jezercitaw kull azzjoni li tmiss lilhom bhala l-pussessuri legittimi, kif bil-prezenti qeghdin jaghmlu *ai termini* ta' l-Artikolu 534 tal-Kapitolu 16;

"Talbu li din il-Qorti:

"1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-assi tal-mejta Valentina Briffa ghaddew, *ai termini* tal-Artikoli 593 u 594 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-atturi bhala l-werrieta legittimi ta' l-istess Valentina Briffa, u dan ghar-ragunijiet premessi; u

"2. Konsegwentement, tillikwida (i) sehem l-imsemmija Valentina Briffa mill-komunjoni ta' akkwisti ezistenti ma' zewgha l-mejjet Paolo Briffa, u (ii) l-assi parafernali ta' l-istess Valentina Briffa; u

"3. Tordna u tikkundanna l-konvenuti, jew minn minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrijintegraw l-atturi fil-pussess ta’ l-assi ereditarji tal-mejta Valentina Briffa illi jigi hekk likwidat skond it-talba precedenti, taht dawk il-provvedimenti kollha illi l-Qorti jidrilha xieraq.

"Bl-ispejjez legali inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta’ Novembru 1996, tal-manat ta’ deskrizzjoni numru 1999/97 AS u tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 20000/97 kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

"1. Preliminarjament illi d-dikjarazzjoni ta' l-atturi hija monka peress li jonqosha firma tal-Prokuratur Legali.

"2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi mhumiex il-werrieta tal-konjugi Briffa u dan skond ma jindikaw iz-zewg testmenti maghmulin minnhom datati 21 ta’ Lulju 1972, u 7 ta’ Ottubru 1987, rispettivament.

"4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenuti pro et noe huma l-unici eredi u dan skond testment ta’ Paul Briffa datat 7 ta’ Ottubru, 1987.

"5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 593 tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghal kawza odjerna stante li ma kienx hemm thassir ta’ testment wara l-mewt ta’ Valentina Briffa.

"6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mal-mewt ta’ Valentina Briffa, it-testment unica charta datat 21 ta’ Lulju 1972, kellu l-effett naturali u legali tieghu u cioe` li zewgha, Paola Briffa, sar l-eredi universali taghha u ghaldaqstant zewgha gie li ma rrevoka xejn fil-konfront tal-mejta martu.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xiehda taghhom;

"Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

"Ikkunsidrat:

"Jinghad l-ewwelnett li fis-seduta tat-30 ta' April 1998, Dott. Vincent Galea ghall-konvenuti rtira l-ewwel eccezzjoni. Ghalhekk din il-Qorti issa mhijiex sejra tiehu konjizzjoni aktar ta' dik l-ewwel eccezzjoni u sejra tghaddi biex tikkunsidra l-vertenza principali ta' din il-kawza, cioe` jekk bit-testment li Paul Briffa ghamel fis-7 ta' Ottubru 1987, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion, iddekadiex mid-drittijiet tieghu taht it-testment *unica charta* li kien ghamel ma' martu fil-21 ta' Lulju 1972 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut.

"Mill-provi jirrizulta li l-konjugi Paul u Valentina Briffa ma kellhomx tfal u fil-21 ta' Lulju 1972, ghamlu t-testment *unica charta* msemmi li permezz tieghu hasru kull testment li setghu ghamlu precedentement u nnominaw lil xulxin eredi universali ta' xulxin. Qabel ma mietet Valentina Briffa, zewgha Paul Briffa ghamel testment iehor fis-7 ta' Ottubru 1987, li permezz tieghu rrevoka kull testment iehor li kien diga` ghamel, halla gidu lil martu b'titolu ta' uzufrutt u nnomina bhala eredi universali tieghu lil hutu bis-sostituzzjoni volgari u in mankanza ta' ulied bi dritt ta' akkrexximent.

"L-atturi jsostnu fin-nota ta' sottomissjonijet taghhom li in vista ta' dan dahal fis-sehh l-Artikolu 593 tal-Kodici Civili u b'hekk Paul Briffa ddekada u tilef il-wirt ta' martu li kien originarjament destinat ghalih permezz tat-testment *unica charta* stante li fl-istess testment ma kienx hemm il-fakulta` li t-testaturi jvarjaw it-testment.

"Mhuwiex kontestat li fit-testment *unica charta* li ghamlu l-konjugi Briffa ma kienx hemm il-fakulta` li jvarjaw l-istess testment. Izda stante l-premorjenza ta' Valentina Briffa u stante li hi ma bidlitx in-nomina taghha ta' zewgha bhala eredi, dak li hija kienet iddisponiet fit-testment *unica*

*charta* baqa' validu. L-artikolu 594 tal-Kodici Civili fil-fatt jipprovdi:

**""F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, l-assi tat-testatur li jmut l-ewwel, bil-frottijiet kollha minn dak in-nhar tal-mewt tieghu, ighaddi kollu, jekk huwa stess ma jkunx iddispona xort'ohra, lill-werrieta minnu mahtura, jew, fin-nuqqas ta' dawn, lill-werrieta tieghu legittimi, bla hsara tal-legati li jkunu gew imhollija lil persuna diversa mit-testatur li jkun hassar id-disposizzjonijiet tieghu, jew li minhabba l-eghmil tieghu dawn id-disposizzjonijiet ma jistax ikollhom effett."**

"Valentina Briffa kienet innominat lil zewgha eredi universali taghha. Meta mietet gie fis-sehh dak li kienet iddisponiet fl-imsemmi testment *unica charta*, cioe` l-assi taghha bil-frottijiet kollha minn dakinhar tal-mewt taghha ghadda kollu lill-uniku werriet taghha. It-testment li ghamel Paul Briffa fis-7 ta' Ottubru 1987, ma kienx dahal fis-sehh u ghalhekk ma seta' jkollu l-ebda effett. Il-pozizzjoni kienet tkun differenti kieku Paul Briffa miet qabel martu Valentina. Ghalhekk peress illi Valentina Briffa mietet l-ewwel, wiritha zewgha skond it-testment *unica charta*, u l-assi tieghu u l-assi ta' martu saru "un solo totto" li minnu Paul Briffa seta' jiddisponi kif ried. Kieku m'ghamilx it-testment tas-7 ta' Ottubru 1987 kienu jirtuh l-eredi tieghu *ab intestato*, presumibilment l-istess persuni li huwa nnomina fl-imsemmi testment.

"Ghal dawn il-motivi:

"Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi."

**<u>L-APPELL TA' L-ATTURI</u>**

2.1 L-atturi hassewhom aggravati b'din is-sentenza u ghalhekk interponew appell minnha ghall-fini tar-revoka taghha, bl-akkoljiment tat-talbiet taghhom u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati konvenuti.

2.2 L-aggravju ewlieni ta' l-atturi huwa dak li l-ewwel Qorti "naqset milli tapprezza sew id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 593 tal-Kodici Civili". A differenza minn kif irriteniet l-ewwel Qorti, l-Art. 593 ma jaghmilx, skond l-appellanti, id-distinzjoni li ghamlet l-istess Qorti fis-sentenza taghha. Fil-fatt l-artikolu tal-ligi japplika meta t-testment *unica charta* jigi mhassar minn xi wiehed mill-konjugi, irrispettivament minn min minnhom imut l-ewwel. Inkella jkun imfisser - erronjament skond l-appellanti - li "l-penali li timponi l-ligi tigi applikata biss f'kaz li min ikun kiser il-patt ..... imut l-ewwel". Is-sanzjoni tal-ligi tiskatta "malli jsehh il-ksur kontemplat fil-ligi u dan il-ksur isehh meta wiehed mit-testaturi jaghmel xi att fejn jirrevoka jew jiddevja b'mod serju mit-testment *unica charta*". L-appellanti inoltre jaghmlu referenza ghal diversi sentenzi li jelaboraw fuq dan il-punt, li johrog ukoll minhabba n-natura specjali tat-testmenti *unica charta*, minghajr il-fakolta` "di variare", kif kien dak in ezami. Minn dawn is-sentenzi l-appellanti jsostnu li ghandu jemergi li jekk it-testment *unica charta* jigi revokat meta l-konjugi jkunu hajjin it-tnejn, stante li t-testment *unica charta* ma jkunx ha l-effett komplut tieghu, ir-revoka ggib maghha d-dekadenza. Ir-revoka, fi kliem iehor, tista' issir biss <u>wara</u> li wiehed mill-konjugi jmut, u mhux <u>qabel</u> il-mewt ta' xi hadd minnhom.

2.3 L-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li jekk, ipotetikament, ir-ragel ma ghamilx it-testment tieghu, kienu xorta wahda jirtuh il-konvenuti hija wahda irrelevanti ghall-kaz in ezami. Dan l-argument tal-Qorti "huwa ghal kollox incidentali u ma jbiddel xejn mill-fatt li (hawn) ghandna vjolazzjoni ta' testment *unica charta*". Dak li sar mir-ragel kien jammonta ghal forma ta' "ingann" u l-ligi dan ma tippermettiehx u ghalhekk imponiet id-dekadenza. Bis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti giet li "ppremjat" l-operat illecitu tar-ragel u dan billi l-istess Qorti strahet "fuq interpretazzjoni zbaljata" ta' l-Artikolu 593 tal-Kodici Civili.

2.4 Dwar it-talbiet l-ohra taghhom, l-appellanti jaghmlu riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata minnhom quddiem l-ewwel Qorti.

## <u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI APPELLATI</u>

3.1 Il-konvenuti wiegbu li huma jaqblu mas-sentenza appellata u li din timmerita konferma. Ghalhekk l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

3.2 Bazikament (u dan ukoll ghax fir-risposta, bhalma hu l-kaz tar-rikors ta' appell, hemm hafna ripetizzjonijiet u tidwir ta' l-istess argumenti) l-appellati jsostnu li l-effett "naturali u legali" ta' testment jidhol fis-sehh bil-mewt ta' persuna. Kwindi jsegwi li t-testment maghmul minn Paolo (Paul) Briffa (ir-ragel tat-testatrici l-ohra, martu) qatt ma seta' ikollu effett qabel dan it-testatur imut. Huwa minnu li l-awtur ta' l-appellati (i.e. Paolo Briffa) ghamel testment waqt li martu kienet ghadha hajja "pero` dan it-testment qatt ma seta' jidhol fis-sehh hlief bil-mewt tieghu". Dan hu kaz fejn ir-ragel (it-testatur Paolo Briffa) "ried jirregola l-pozizzjoni tieghu sabiex ma jkunx hemm problemi wara mewtu". Bl-argument zbaljat taghhom, l-appellanti "qeghdin jaghmlu minn kollox sabiex jiehdu xi haga li QATT ma kienet destinata ghalihom". Fil-kaz in ezami, jghidu l-appellati, meta mietet Valentina Briffa, mart Paolo, "l-effett ta' din id-disposizzjoni dahlet fis-sehh u r-ragel taghha sar l-eredi universali u l-proprjetarju assolut ta' l-assi u ta' martu". L-intenzjoni tat-testatrici Valentina Briffa "kienet li r-ragel taghha jsir l-eredi taghha u proprjetarju assolut ta' gidha meta hija tmut".

3.3 L-appellati jsostnu inoltre li testment *unica charta* jigi revokat meta dik il-parti li tkun ghamlet it-tieni testment tmut. Haga, din, li ma sehhitx fil-kaz in ezami. F'dan il-kaz, l-atturi gew li ma tilfu xejn. Ma kienx hemm xi werriet hawn "li tilef xi drittijiet mill-patrimonju tieghu akkwistat permezz ta' xi nomina tieghu bhala eredi jew legatarju fit-testment *unica charta* tal-konjugi Briffa". L-atturi qeghdin jippruvaw jakkwistaw xi haga li qatt ma kienet taghhom.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Din il-vertenza tirrigwarda l-interpretazzjoni legali li ghandha tinghata fil-kaz ta' testment *unica charta* maghmul minn koppja mizzewga li ma kellhiex tfal u fejn ma gietx inkluza jew moghtija l-fakolta` "di variare" lis-superstiti fosthom u f'cirkostanza fejn jirrizulta li wiehed

mit-testaturi, ir-ragel f'dan il-kaz, varja parti mill-istess testment qabel il-mewt ta' martu, it-testatrici l-ohra Valentina Briffa.

5. Bhala fatti huwa pacifiku li in data tal-21 ta' Lulju 1972, (Ara Dok B. fol. 8 - 9 tal-process) Valentina u Paolo, konjugi Briffa, ghamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut li fih huma istitwew lil xulxin bhala eredi universali u proprjetarji assoluti ta' l-assi ereditarji taghhom - proprju l-ipotesi kontemplata fl-Art. 593(1). Kif gia` nghad ma jirrizultax li xi hadd mit-testaturi kellu tfal. Huwa pacifiku wkoll illi f'dan it-testment *unica charta* ma kienx hemm fih "la facolta` di variare", jigifieri l-opzjoni li kull parti jkollha l-fakolta` li tbiddel xi parti mid-disposizzjonijiet testamentari relattivi ghaliha. Gara - u dan jirrizulta kjarament mill-provi - li waqt li kienu ghadhom hajjin it-testaturi konjugi Briffa, Paolo Briffa, ir-ragel ta' Valentina, ghamel testment iehor fis-7 ta' Ottubru 1987, fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Mangion (ara Dok C, a fol. 10 - 11 tal-process). F'dan it-tieni testment, l-imsemmi Paolo Briffa halla b'titolu ta' legat lil martu Valentina l-uzufrutt u t-tgawdija tal-gid kollu tieghu, mobbli u mmobbli, filwaqt li istitwixxa bhala eredi universali lil hutu konvenuti, bis-sostituzzjoni volgari u, in mankanza ta' ulied, bid-dritt ta' akkrexximent. Valentina Briffa mietet qabel zewgha, jigifieri fis-16 ta' Marzu, 1989. Paolo Briffa miet fil-21 ta' Mejju, 1996.

6. Il-punt krucjali in dibattitu huwa dan: kellu jew ma kellux effett legali t-tieni testment maghmul mit-testatur Paolo Briffa, surreferit, fil-konfront tat-testment *unica charta* li kien ghamel aktar qabel flimkien ma' martu Valentina Briffa, darba li jirrizulta li dan it-tieni testment sar meta l-imsemmija martu kienet ghadha hajja? Kif fuq inghad, kull naha toffri interpretazzjoni kontrastanti ghal dan il-kwezit, filwaqt li jirrizulta li l-ewwel Qorti (ara s-sentenza appellata) abbraccjat ghal kollox it-tezi tal-konvenuti.

7. Il-ligi taghna tirrikonoxxi bhala validu testment maghmul mir-ragel u l-mara bl-istess att, komunement

maghruf bhala testment *unica charta*. L-Artikolu 592(2) tal-Kap. 16, pero`, jipprovdi li
"Kemm-il darba dan it-testment jigi mhassar minn wiehed mit-testaturi kwantu ghall-assi tieghu, jibqa' shih kwantu ghall-assi ta' l-iehor."

Izda l-legislatur ried ukoll li, tenut kont tan-natura specjali u partikolari ta' dan it-testment kongunt bejn il-konjugi, ikun hemm sanzjoni f'kaz li xi wiehed mill-konjugi jvarja minn dak li jkun gie pattwit flimkien bejn iz-zewg testaturi. Il-materja hija regolata sew mill-Kodici Civili li sahansitra jrid li lanqas jistghu zewg persuni, hlief ir-ragel u martu, jaghmlu testment f'wiehed u l-istess att, la favur terza persuna u lanqas b'disposizzjoni favur ta' xulxin (Artikolu 595). Dwar is-sanzjoni fuq imsemmija f'kaz ta' varjazzjoni jew thassir min-naha ta' wiehed mit-testaturi, insibu zewg artikoli specifici li jirregolaw il-materja, jigifieri l-Artikolu 593 u 594 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. L-Artikolu 593 tal-Kap. 16 jipprovdi hekk:
"(1) Izda kemm-il darba f'testment *unica charta*, it-testaturi jkunu hallew wiehed lill-iehor, bi proprjeta` jew b'uzufrutt, il-hwejjeg taghhom kollha, jew il-bicca l-kbira taghhom, <u>it-testatur li jibqa' haj wara l-iehor u li jhassar it-testment kwantu ghall-assi tieghu, jitlef, jekk it-testatur li jmut qabel ma jkunx iddispona xort'ohra kull jedd li kellu bis-sahha ta' dak it-testment fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel</u>.

(2) Din ir-regola tghodd ukoll kull meta, ghad li t-testatur jibqa' haj wara l-iehor ma jkunx hassar it-testment, dan it-testment ma jkunx jista' ikollu effett kwantu ghall-assi tieghu." (sottolinear tal-Qorti)

9. L-Artikolu 594, imbaghad, ikompli jelabora fuq testmenti simili u jghid x'inhuma l-effetti tat-thassir tat-testment, jigifieri li
"F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, l-assi tat-testatur li jmut l-ewwel, bil-frottijiet kollha minn dakinhar tal-mewt tieghu, <u>jghaddi kollu, jekk huwa stess ma jkunx iddispona xort'ohra</u>, lill-werrieta minnu mahtura, <u>jew, fin-nuqqas ta' dawn, lill-werrieta</u>

tieghu legittimi, bla hsara tal-legati li jkunu gew imhollija lil persuna diversa mit-testatur li jkun hassar id-dispozizzjonijet tieghu, jew li minhabba l-ghemil tieghu dawn id-disposizzjonijiet ma jistax ikollhom effett." (sottolinear tal-Qorti).

10. Applikati dawn l-artikoli ghall-kaz in ezami ma kellux ikun hemm diffikulta` partikolari biex jigi ritenut li dak li ghamel wiehed mit-testaturi, jigifieri Paolo Briffa, l-awtur tal-konvenuti appellati, kien proprju dak li hemm ikkontemplat fl-Artikolu 593 sucitat, u konsegwentement kellu jsegwi li s-sanzjonijiet komminati fl-istess dispozizzjoni ghandhom japplikaw bil-forza kollha taghhom. Il-ligi taghna in propozitu hija cara sufficjentement u din, f'ebda hin, ma toqghod tiddistingwi dwar x'jigri fl-ipotesi li min ikun varja t-testment *unica charta* jibqa' bhala fatt jghix u jmut wara t-testatur jew t-testatrici l-ohra. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti li, appena Paolo Briffa ghadda biex jaghmel testment validu iehor wahdu, nonostante li martu kienet ghadha hajja, allura minn dakinhar skattat u giet fis-sehh id-dispozizzjoni li hemm fl-Artikolu 593 tal-Kodici Civili, surreferita. Huwa, bir-rispett kollu, argument jew ragjonament sofista li jigi ritenut li darba li t-testatur Paolo Briffa jkun hadu haj, allura dak kollu li jkun iddispona fit-tieni testment ikun ghadu ma jghodd xejn. Bl-istess ragjonament allura jkun jista' jitqies li darba li l-konjugi Briffa, meta ghamlu t-testment *unica charta* "de quo" kienu ghadhom hajjin, allura anke kien priv minn kull effett legali. Imma dan ir-ragjonament huwa wiehed fallaci. Fil-fatt, b'dak li ghamel in segwitu Paolo Briffa, meta ghadda biex jaghmel testment iehor, kien ifisser illi li kieku martu Valentina Briffa mietet warajh, hija kienet tigi rinfaccjata b'dispozizzjoni differenti minn kif hija ftehmet ma' zewgha fit-testment *unica charta.* Fil-fatt, filwaqt li fit-testment *unica charta*, it-testaturi hallew lil xulxin eredi universali u proprjetarji assoluti ta' l-assi ereditarji taghhom, fit-tieni testment, jigifieri dak unilaterali maghmul minn Paolo Briffa, it-testatur halla b'titolu ta' legat lil martu l-uzufrutt u t-tgawdija tal-gid kollu tieghu, mobbli u mmobbli, b'dana wkoll pero` li nnomina bhala eredi universali u padruni assoluti lil hutu, cioe` lill-

konvenuti appellati. Dan allura jfisser illi li kieku, dejjem ghall-grazzja ta' l-argument u ipotetikament, l-imsemmi Paolo Briffa miet qabel martu, din ta' l-ahhar kienet tigi rinfaccjata b'dispozizzjoni li kwantu ghall-assi ta' zewgha, flok werrieta assoluta kienet tkun biss uzufruttwarja. Il-fatt li ma garax hekk billi rrizulta li Paolo Briffa miet warajha ma jbiddel xejn minn dan l-istat ta' fatt u huwa biss xi haga incidentali. It-testatur Paolo Briffa, fit-tieni testment tieghu surreferit jaghmel l-intenzjoni tieghu cara u netta mill-bidunett. Di fatti, fl-ewwel artikolu ta' dan it-tieni testment (ara fol. 10 tal-process) huwa jiddikjara espressament li qieghed "jirrevoka u jannulla kull testment li huwa ghamel sal-lum, kemm jekk wahdu, kif ukoll ma' martu, u jordna illi dan it-testment biss jirregola s-successjoni tieghu". Dispozizzjoni aktar kategorika minn din ftit li xejn tista' tiltaqa' maghha. Ghall-operat tat-testatur Paolo Briffa, il-ligi taghna pprovdiet specifikatament u ghalhekk m'huwiex konsentit jew lecitu li wiehed jipprova "jdur mal-lewza" u jaqleb dak li hemm stipulat fil-ligi b'argumenti *ex post facto*. Huwa proprju ghalhekk li gieli jigri li fil-kaz ta' tesmenti *unica charta* it-testaturi, minn jeddhom, jaghzlu li jaghtu reciprokament il-fakolta` li xi hadd minnhom ikun jista' jvarja xi disposizzjoni mill-istess testment, minghajr ma jinkorri wkoll il-penali kontemplata fil-ligi, <u>imma fil-kaz in ezami</u> tali fakolta` "di variare", kif inhija maghrufa, ma nghatatx.

11. L-appellanti jaghmlu riferenza - ara r-rikors ta' appell - ghal numru ta' sentenzi in sostenn ta' dak li qeghdin jissottomettu huma. Min-naha taghhom, il-konvenuti appellati jaghmlu riferenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **Albanese v. Grima** (Vol. VVII(B), ii, p. 130) fejn gie ritenut hekk,
*"non ha luogo la decadenza comminata nell'articolo 291 dell'Ordinanza No. VI del 1868 quando i testatori si fossero soltanto limitati ad istituirsi eredi universali propietari reciprocamente, senza alcuna disposizione in favore di terze persone."*

Huma jsostnu li l-kaz taghhom kien proprju dan. Fit-testment *de quo* (dak *unica charta*) ma jissemmewx terzi persuni u lanqas jirrizulta li t-testaturi kellhom tfal.

12. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-Artikolu 593 tal-Kap. 16, sucitat, jipprovdi bizzejjed kjarament x'jigri fil-kaz imsemmi mill-konvenuti u ghalhekk, ftit li xejn jaghmel sens li wiehed jeskogita dubji fejn dawn proprju ma jezistux, u fejn il-ligi stess tkun hasbet ghalihom appozitament. Is-sentenza tal-Prim Awla tas-27 ta' Ottubru 1899, fl-ismijiet **Albanese v. Grima** din il-Qorti ma tistax taqbel maghha.

13. Dan kollu johrog min-natura specjali tat-testment *unica charta* li kif tajjeb jghallem l-awtorevoli Professur Caruana Galizia (ara **Noti tal-Professur Caruana Galizia**, Universita` ta' Malta p. 961)
*"Where such a will is made, what is bequeathed by one of the spouses to the other is considered to be the consideration for what is bequeathed to him or her by the other, and therefore, the revocation of the will by one of them ought to bring about automatically the revocation of the dispositions made by the other in favour of the former."*

L-appellanti ghamlu riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament komposta, moghtija fid-19 ta' April 1937, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Bianchi v. Maggur James A Galizia** li fiha *inter alia* gie ritenut hekk:
"Huwa risaput illi n-natura ta' testment *unica charta* hija specjali hafna tant li l-maggur parti tal-legislaturi ma ppermettewx izjed testmenti simili ghaliex, oltre n-natura tat-testment, ghandu wkoll imhallta mieghu n-natura ta' kuntratt, kwazi li meta ragel u mara mizzewga ghamlu dak it-testment riedu jintrabtu wiehed di fronti ghall-ohra illi m'ghandhomx isiru varjazzjonijiet fil-lokeralitajiet li ghamlu, li ma jkunx ta' natura ta' rimunerazzjoni."

Fi kliem iehor, jekk it-testatur Paolo Briffa, awtur tal-konvenuti, ried tassew iserrah rasu dwar l-assi tieghu wara mewtu u jaghmel dispozizzjonijiet godda minn kif gia` kien iddispona flimkien ma' martu konguntement, kien messu l-ewwel stenna biex jara jekk hu kienx se jissopravvivi lil martu - kif effettivament gara. Li kieku dan it-testatur varja l-ewwel testment <u>wara</u> li kienet mietet martu, dan seta' jaghmlu impunement ghax f'dak il-kaz

ikun sehh dak il-konsolidament li l-ewwel Qorti rriferiet ghalih fis-sentenza taghha. Imma darba li Paolo Briffa ghadda biex ivarja t-testment *unica charta* waqt li kienet ghadha hajja martu, it-testatrici l-ohra, huwa ma setax jiddisponi b'mod li jinkludi fl-assi tieghu, dawk l-assi li kienu ta' martu. Bil-fatt li incidentalment gara li dan it-testatur miet wara martu, xorta wahda ma jbiddilx il-fatt li appena huwa ghadda biex ivarja l-ewwel testment (dak *unica charta*), b'iehor unilaterali, huwa gie li rrevoka l-ewwel wiehed u ddekada minn dawk id-dispozizzjonijiet li setghu ivvantaggjawh bl-ewwel testment. Minn dan kollu ghalhekk isegwi li l-ewwel Qorti ddecidiet zbaljatament u li l-appell ta' l-attur huwa fondat u ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell ta' l-atturi appellanti limitatament kif gej, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi u, filwaqt li tpoggi lill-kontendenti fil-posizzjoni li kienu fiha qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata, tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza skond il-ligi u konformement ma' l-odjerna sentenza. L-ispejjez, kemm ta' l-appell kif ukoll tal-prim istanza sa issa inkorsi, jithallsu kollha mill-konvenuti appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------